# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 15**
**Rikors maħluf numru 496/2016/1 RGM**

***Malta Dairy Products Limited* (C-7833)**
***v.***
**Kevin Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 2023 illi laqgħet talba tal-attriċi u ikkundannat lill-konvenut iħallas tliet mija u erbgħa u għoxrin elf, mija u tlieta u ħamsin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) bilanċ ta' prodotti tal-ħalib mibjugħa mill-attriċi lill-konvenut. Ikkundannat lill-konvenut iħallas ukoll l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji.

2. L-attriċi kienet talbet illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma fuq imsemmija bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, taħt l-art. 167 tal-Kodiċi

ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda l-ewwel qorti ċaħdet dik it-talba u l-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. Għalkemm mhux kontestat li s-soċjetà attriċi bigħet u ikkonsenjat ħalifb u prodotti tal-halib lill-intimat, però l-ammont kif mitlub huwa eccessiv u f'kull każ irid jiġi ippruvat mis-soċjetà attriċi sal-grad rikjest mil-liġi.
>
> »2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi unikament fuq is-soċjetà attriċi li tipprova li l-prodotti kollha li tagħhom qed titlob il-ħlas ġew fil-fatt ikkonsenjati lill-intimat fil-kwantità reklamata.
>
> »3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat ma jirrispondix u ma għandux ikun ikkundannat iħallas għal ħalib u/jew prodotti tal-ħalib ikkonsenjati mis-soċjetà attriċi f'idejn terzi.
>
> »4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rata ta' interessi mitluba mis-soċjetà attriċi tissupera dik pattwita bejn il-partijiet.
>
> »5. Fl-aħħar lok, fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif għandu jirriżulta aħjar fil-mori tal-kawża«.

3. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;
>
> »… … … tiddikjara illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenut Kevin Camilleri fis-somma ta' tliet mija erbgħa u għoxrin elf mija tlieta u ħamsin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) rappreżentanti prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati mis-soċjetà attriċi lill-konvenut;
>
> »… … … tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma imsemmija ta' tliet mija erbgħa u għoxrin elf mija tlieta u ħamsin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-aħħar *invoice* u *cioè* l-10 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament.
>
> »Bl-ispejjeż kontra l-konvenut kif mitlub.«

4. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »Din hi kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi kontra l-konvenut. Kreditu li skond is-soċjetà attriċi jirrappreżenta prezż ta' ħalib u prodotti tal-ħalib konsenjati mis-soċjetà attriċi lill-konvenut.
>
> »Jirriżulta illi s-soċjetà attriċi għandha sistema li permezz tagħha ma tqassamx il-prodotti tagħha direttament fil-ħwienet permezz ta' impjegati tagħha iżda permezz ta' numru ta' distributuri privati. Il-konvenut kien wieħed minnhom.
>
> »Hemm kunflitt qawwi bejn il-partijet dwar l-ammont dovut.

»Is-soċjetà attriċi ippreżentat flimkien mar-rikors ġuramentat prospett datat 6 ta' Ġunju 2016 intitolat *Statement of Oustanding Invoices* li fih hemm elenkati lista ta' erba' paġni *invoices* bl-ewwel *invoice* bid-data tal-5 ta' Frar 2015 u l-aħħar *invoice* li saret referenza għaliha ġġib id-data tal-10 ta' Novembru 2015.

»… … …

»Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2017 il-konvenut ippreżenta nota li permezz tagħha indika liema kienu dawk id-*delivery notes* li ma kienx qed jikkontesta u ddikjara li qed jikkontesta d-*delivery notes* l-oħra kollha.

»Ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi xehed illi sa ma nfetħet il-kawża l-konvenut qatt ma kkontesta l-ammonti reklamati. Jgħid illi sa ftit ġimgħat qabel infetħet il-kawża d-diskussjonijiet bejn il-partijiet ma kinux dwar l-ammont li kien dovut imma dwar kif kellu jitħallas l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi.

»Isostni l-konvenut illi huwa m'għandux jiġi kkundannat iħallas ta' fatturi li ma ġewx iffirmati minnu jew min-nies awtorizzati minnu. Kien għalhekk li huwa talab il-ħatra ta' perit kaligrafu. Il-qorti innominat lill-espert kalligrafu Joseph Mallia sabiex jiġu eżaminati l-firem fuq ħames fatturi u jirrelata dwarhom.

»… … … L-espert wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

> »"1. Fl-opinjoni tal-esponent ġew misjuba diversi punti ta' diskrepanza fil-punti karatteristiċi, fl-għamla, angoli disinn u pawsi li jinsabu fil-kors tal-kitba tal-firem kif miktubin fuq id-*delivery notes* fuq il-linja bit-titolu *Signature Distributor*, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li jinsabu fil-kors tal-kitba tal-firma tas-Sur Kevin Camilleri … … …
>
> »"2. Tirriżulta diskrepanza bejn il-kuntenut li jinsab miktub fuq id-dokumenti oriġinali bit-titolu *Distributor Delivery Note* hekk kif ikkomparat mal-kontenut li jinsab miktub fuq il-kopja bl-istess numru annessa mal-istess dokument.
>
> »"3. L-erba' firem li jinsabu miktubin fuq kull dokument kemm oriġinali u kopja huma differenti minn xulxin.
>
> »"4. L-unika firem li jaqblu ma' xulxin u għalhekk fl-opinjoni tal-esponent ġew miktubin mill-istess persuna huma l-firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *"Signature for MDP"* fuq id-dokumenti bit-titlu *Distributor Delivery Note* numru 106 640, hekk kif ikkomparata mal-firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *Signature for MDP* fuq id-dokumenti bit-titlu *Distributor Delivery Note* numru 107441 kif ukoll,
>
> »"5. firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *Signature for MDP* fuq il-kopja tad-dokumenti bit-titlu *Distributor Delivery Note* numru 106741, hekk kif ikkomparata mal-firma li tinsab miktuba fuq il-linja bit-titlu *Signature for MDP* fuq il-kopja tad-dokumenti bit-titlu *Distributor Delivery Note* numru 107 441."

»Is-soċjetà attriċi ma kkontestax tali konklużjonijiet filwaqt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha qalet li tali rapport bl-ebda mod mhu qiegħed jagħti xi prova konklużiva. Min-naħa tal-konvenut, jgħid li dan ir-rapport qiegħed jikkonferma dak li huwa xehed.

»… … …

»… … … il-kuntrast bejn il-partijiet ma hux illi l-konvenut ma kienx klijent tas-soċjetà attriċi jew li ma kienx jingħata kreditu fuq il-prodotti li jixtri. Il-kuntrast jinstab filli s-soċjetà attriċi tirritjeni illi l-prodotti kollha li jidhru fl-*invoices* minnha ppreżentati ġew mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut, filwaqt li l-konvenut jikkontesta dawk l-*invoices* kollha li huma bbażati fuq *delivery notes* fejn ma hemmx il-firma tiegħu. Tant illi in sostenn ta' din id-difiża talab li ssir periżja kaligrafa sabiex jipprova illi hemm hafna mid-*delivery notes* li ma humiex iffirmati minnu.

»Huwa minnu li r-relazzjoni peritali uriet illi l-ħames *delivery notes* li l-espert kaligrafu ħa bħala kampjuni ma humiex kollha iffirmati mill-konvenut; però dan fih innifsu ma jwassalx neċessarjament illi l-konvenut ma hux kreditur [*recte*, debitur] tal-ammonti li jidhru fl-invoces li jirriflettu d-*delivery notes* mhux iffirmati mill-konvenut.

»… … … il-konvenut kien imur prattikament kuljum jixtri prodotti mingħand is-soċjetà attriċi sabiex ibigħhom u jikkonsenjhom lill-klijenti tiegħu konsistenti fi ħwienet u *supermarkets* imxerdin f'diversi lokalitajiet.

»Fix-xiehda tiegħu mogħtija b'*affidavit* il-konvenut jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-operazzjonijiet li kienu jsiru sabiex huwa bħala distributur jordna u jiġbor il-prodotti mingħand *MDP*. Jilmenta illi s-sistema ma kenitx waħda tajba għaliex jgħid illi kienet tat lok għal abbuż peress li ġieli sab li klijenti tiegħu marru jixtru direttament mingħand *MDP* u l-kont poġġewh fuqu. Jilmenta illi ġieli għaddewlu *delivery notes* fejn xi ħadd minn *MDP* ikun iffirma għan-nom tiegħu u dan sabiex iħaffu. Jgħid illi peress li l-konsenji jsiru kmieni filgħodu u jkun hemm għaġla kbira sabiex joħorġu bix-xogħol spiss kien jiġri li l-prodotti li jkunu ikkonsenjawlu ma jiġux verifikati.

»Dak li spjega l-konvenut dwar kif kienu joperaw il-partijiet ma jidhirx li fis-sustanza huwa kkontestat mis-soċjetà attriċi. Però mhux korrett jgħid il-konvenut illi huwa m'għandux iħallas ta' dawk id-*delivery notes* li ma humiex iffirmati minnu għaliex huwa stess xehed li kellu aktar minn impjegat wieħed li kien jinkariga sabiex imur jiġbor il-prodotti minnu ordnati u mixtrija u xehed ukoll illi ġieli hu stess ħa merkanzija mingħajr ma ffirma d-*delivery notes*.

»L-atturi ippreżentaw żewġ *box files* mimlija b'kopji tal-*invoices* u *delivery notes* sabiex jissostanzjaw il-kreditu minnhom pretiż flimkien ma' prospett li jiġbor fih it-total tal-*invoices*. *Inoltre* ippreżentaw *file* ieħor bid-*delivery notes* oriġinali mertu tal-kawża. Jekk per eżempju nieħdu l-ewwel żewġ *invoices* referibbli għal jum tal-5 ta' Frar 2015 insibu illi *invoice* numru 119869 għall-ammont ta' €140.33 tirreferi għal *distributor delivery note* numru 106 594 filwaqt li *invoice* numru 119 867 għall-ammont ta' €2,105.71 tirreferi għal *distributor delivery note* numru 106 590. Dawn iż-żewġ *invoices* intbagħtu lill-konvenut fl-indirizz tiegħu ġewwa Burmarrad. Il-konvenut ma jagħti l-ebda spjeg-azzjoni kif l-*invoices* kienu jintbagħtulu regolarment u huwa qatt ma sab oġġezzjoni matul dawk ix-xhur kollha li baqa' prattikament ta' kuljum imur u jieħu l-prodotti li jkun ordna l-jum ta' qabel.

»Kull *invoice* fiha rendikont dettaljat ħafna ta' kull prodott li skond is-soċjetà attriċi ġie mibjugħ lill-konvenut. Il-konvenut ammetta illi fil-perijodu in kwistjoni bejn Frar u Novembru 2015 huwa kien imur prattikament kuljum jiġbor il-merkanzija mingħand *MDP* li skond is-soċjetà attriċi kull konsenja hija riflessa f'kull *invoice* rispettiv.

»Bl-esibizzjoni tad-*delivery notes* u tal-*invoices* kollha li jkopru l-ammont reklamat akkumpanjati mat-testimonjanza taċ-*chief officer* ta' *MDP*, u meħud ukoll in konsiderazzjoni it-testimonjanza dettaljata tal-istess konvenut li tista' titqies korroborativa f'diversi aspetti tal-pretensjoni tas-soċjetà attriċi, il-qorti tqis illi s-soċjetà attriċi leħqet dak il-grad ta' prova meħtieġ sabiex inisslu l-konvinċiment meħtieġ illi l-*invoices* u *delivery notes* ippreżentati jirriflettu fedelment il-prodotti mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut kif ukoll l-ammont dovut mill-konvenut lil *MDP*.

»Rinfaċċjat bl-eżibizzjoni ta' dawk l-*invoices* kollha kkonfermati minn rappreżentant ta' *MDP* kien jinkombi fuq il-konvenut illi jressaq provi dokumentarji sabiex juri illi kien hemm *invoices* li mhux veru jirriflettu l-prodotti li huwa ħa mingħandhom. Dan suppost faċilment seta' jagħmlu billi jekk mhux għad-dati kollha għax hemm ħafna, seta' faċilment għażel ftit kampjuni minnhom sabiex juri d-diskrepanza bejn il-prodotti li kkonsenjawlu u l-prodotti li huwa kkonsenja lill-klijenti tiegħu fi ġranet partikolari. Għalkemm il-konvenut xhed li huwa d-*delivery notes* li jagħtuh kien jarmihom, kif allura presumibilment kien jarmi l-*invoices* relativi meta jaslu, fl-istess ħin ma qalx li hu ma kienx iżomm rendikont tal-prodotti ta' *MDP* li kien jikkonsenja lill-klijenti rispettivi tiegħu. Ma ta l-ebda raġuni l-konvenut għaliex ma ġab l-ebda prova fir-rigward. Ħa l-posizzjoni illi fejn ma jirriżultax xjentifikament illi d-*delivery note* hija iffirmata minnu m'għandux iħallas tagħha.

»Tali difiża hija dgħajfa mhux biss għaliex mhux dejjem kien imur il-konvenut jiġbor il-prodotti mingħand *MDP*, iżda wkoll għaliex skond l-istess konvenut ġieli tawh *delivery notes* b'taħżiża lesta fejn suppost iffirma hu. *Oltre* l-fatt illi jekk wieħed jifli dawn id-*delivery notes* fil-verità aktar hemm taħżiża milli firma veru u proprju.

»Huwa prinċipju regolanti l-kontrattazzjonijiet illi ftehim għandu jiġi eżegwit *in bona fide.* Li taċċetta fuq medda ta' madwar sena sistema li għalik ma tkunx aċċettabbli u tilmenta biss meta waqqfulek il-kuntratt u talbuk tħallas wara li tawk kreditu ta' €324,153.84 aktar għandu minn aġir *in mala fide* milli dak li wieħed jistenna fil-kummerċ fejn f'diversi sitwazzjonijiet il-partijiet *in bona fide* jaġixxu fuq il-fiduċja u s-serjetà. Il-qorti wara li eżaminat il-provi kollha mressqa hi tal-fehma illi l-konvenut mill-bidunett kien intenzjonat li ma jħallasx il-kontijiet li kien qed jakkumula tant illi ma ħallas xejn minnhom, la dawk li jgħid li ma jikkontestax u wisq anqas dawk li jgħid li jikkontesta.

»… … …

»Din il-qorti hija tal-fehma li jekk verament il-prodotti li kienu jidhru fuq l-*invoices* mhux kollha kienu ġew konsenjati lill-konvenut, ma kellux jistenna l-mument li jiġi mħarrek sabiex jikkontesta s-sistema li kienu jadoperaw il-partijiet. Jekk il-konvenut kellu objezzjonijiet għas-sistema adoperata kellu jieħu azzjoni fil-mument opportun. Jidher ċar illi l-ħsieb tal-konvenut kien li jieħu kemm jista' jkun merkanzija mingħand *MDP* sabiex meta mbagħad jiġi mfittex għall-ħlas jgħid illi m'għandux iħallas għal dawk l-*invoices* kollha li ma ssirx il-prova li huwa ffirmhom.

»Il-qorti tat ukoll piż probatorju l-fatt illi apparti d-*delivery notes* li l-konvenut kien jingħata mal-konsenja tal-prodotti, kien ukoll jintbgħatu fir-residenza tiegħu l-*invoice* li tiddettalja kull prodott lilu mibjugħ u

kkonsenjat. Il-konvenut ma qalx li dawn kien jarmihom. Qal biss li huwa kien jagħmel *input* tal-kontenut tad-*delivery notes* fil-*computer* tiegħu. Però meta mistoqsi dwar dik id-*data* huwa rrisponda li ma setax jagħti dik l-informazzjoni għaliex il-computer "ikkraxxja"!

»Però anke hawn il-konvenut jidher li kien ekonomiku mal-verità. Jekk verament skond it-testimonjanza tiegħu huwa kien jagħmel *input* tad-*data* riżultanti mid-*delivery notes*, suppost kien qed jirriżultalu f'qasir żmien diskrepanza bejn dak li huwa xtara u ħa mingħand *MDP* u dak li kien qed jirriżulta fl-*invoices* li kien jirċevi ftit wara. Imkien ma xehed il-konvenut li kien qed jirriżultalu xi diskrepanza bejn id-*data* fuq id-*delivery notes* li hu jew il-lavrant tiegħu kien jieħu mal-prodotti lilu kkonsenjati u d-*data* fuq l-*invoices* relativi.

»Il-qorti tqis illi mill-kumpless tal-provi prodotti ġie ppruvat sodisfaċentement illi l-konvenut verament xtara u ġew lilu kkonsenjati l-prodotti li jidhru fuq l-*invoices* eżebiti u li konsegwentement huwa debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tliet mija erbgħa u għoxrin elf mija tlieta u ħamsin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€324,153.84) rappreżentanti prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenut fuq ordni tiegħu stess.

»Imgħaxijiet

»Ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut tirrigwara l-imgħax pretiż u taqra kif ġej:

> »"… … … ir-rata ta' interessi mitluba mis-soċjetà attrici tissupera dik pattwita bejn il-partijiet".

»L-artikoli tal-Kodiċi Ċivili rilevanti huma s-segwenti:

> »Artikolu 1139 tal-Kapitolu 16:
>
> »"Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."
>
> »Artikolu 1140:
>
> »"L-imgħaxijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan għandhom jitħallsu, mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf."
>
> »Artikolu 1141:
>
> »"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita."

»Ingħad fis-sentenza *Mekkanika Limited v.* Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti *et* mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008 li:

> »"Innegabilment, l-imgħaxijiet huma tip partikolari ta' obbligazzjoni pekunjarja li, għall-aċċessorjetà taghhom, jingħaqdu mal-obbligazzjoni ta' natura kapitali. F'dan is-sens inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, sede kummercjali, *in re*: "Francis Penza *v.* John Mallia, 20 ta' Lulju 1994, illi 'meta l-liġi stess tispecifika li l-interessi

huma esigibbli *ipso jure* fil-kamp kummerċjali dan ifisser li huma aċċessorji għat-talba principali'.

»"B'aktar preċiżazzjoni għall-kwestjoni hawn ventilata jinsab ritenut illi *stricto jure* ma huwiex neċessarju għall-atturi li jagħmlu domanda *ad hoc* għall-ħlas tal-imgħaxijiet. Dan huwa hekk għaliex il-ħlas tal-imgħaxijiet jistgħu jitqiesu wkoll bħala danni dovuti għan-nuqqas tal-ħlas tal-kapital li jkun dovut. *Inoltre*, il-liġi stess taħseb biex tistabilixxi d-*dies a quo*, ossija l-ġurnata minn meta l-istess imghaxijiet jibdew jghaddu."

»Il-qorti wara li ħadet kont tal-liġi u tal-ġurisprudenza in materia ser tilqa' t-talba għal ħlas ta' imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tat-transazzjoni [*sic*] sad-data tal-pagament effettiv[1].«

5. Il-konvenut appella b'rikors tat-13 t'April 2023 li l-attriċi wieġbet għalih fis-16 ta' Mejju 2023.

6. L-aggravji tal-appell huma tlieta:

»A. … … … is-sentenza mogħtija mill-qorti tal-ewwel grad hija bbażata fuq apprezzament ħażin tal-fatti, għad illi [*recte*, billi] numru ta' provi miġjuba mill-konvenut illum appellant ma tteħdux in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti fil-kuntest li fih ġew miġjuba;

»B. … … … l-ewwel qorti żbaljat meta ddeċidiet illi kien jispetta lill-konvenut biex juri illi l-ħlas ma huwiex dovut;

»Ċ. … … … ir-rapport li ġie prezentat mill-espert kalligrafu ġie skartat mill-ewwel qorti mingħajr ebda raġuni valida.«

7. Il-konvenut kompla fisser l-ewwel aggravju hekk:

»… … …

»Il-punt tat-tluq f'dan ir-rispett huwa fejn l-ewwel qorti assumiet illi bħal ma l-appellant kien jarmi d-*delivery notes,* huwa kien jarmi wkoll l-*invoices* relativi. … … … Imbagħad, l-ewwel qorti spjegat illi hija tat piż probatorju l-fatt illi "apparti d-*delivery notes* li l-konvenut kien jingħata mal-konsenja tal-prodotti, kien ukoll jintbagħtlu fir-residenza tiegħu l-*invoice* li tiddettalja kull proċlott lilu mibjugħ u kkonsenjat".

»*Oltre* mill-fart illi ma nġiebet l-ebda prova illi fil-fatt l-*invoices* kienu jintbagħtu fir-residenza tiegħu (għaliex fl-aħħar mill-aħħar din hija wkoll allegazzjoni), l-ewwel qorti ma tatx il-kunsiderazzjoni mistħoqqa l-fatt għaliex l-appellant qal għalxiex kien jarmi d-*delivery notes.* Minflok, l-ewwel qorti marret direttament għall-assunzjoni illi l-*invoices* kien jarmihom ukoll ġaldarba kien jarmi d-*delivery notes.*

[1] Fil-parti dispositiva l-ewwel qorti ordnat il-ħlas "bl-imħgax legali ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-aħħar *invoice*, u *cioè* l-10 ta' Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament".

»L-appellant se jagħmel parentesi fuq kull parti minn dak li għadu kemm ingħad. Lewwel, se jibda bil-fatt illi l-qorti tat piż probatorju lill-allegazzjoni illi għamlet il-kumpannija llum appellata, *cioè* illi kienu jintbagħtu l-*invoices* fir-residenza tal-appellant.

»Din kienet biss allegazzjoni – xejn aktar u xejn anqas. Fl-ebda mument ma nġiebet xi prova mingħand il-kumpannija appellata illi dak li kienet qiegħda tgħid kien minnu. … … … Allegazzjoni kienet, u allegazzjoni baqgħet. Minkejja dan, din l-allegazzjoni (li żgur ma jistax jingħad hija xi waħda b'saħħitha, jekk xejn) donnha għelbet dak kollu li qal u gab bhala provi l-appellant – anke jekk l-ewwel qorti inizjalment stra]et fuq dak li xehed hu fl-*affidavit* tiegħu dwar kif kienet ta]dem is-sistema tad-*delivery notes.*

»B'hekk, ix-xenarju hawn hu illi allegazzjoni niexfa (u li evidentement saret b'ċertu kawtela mill-*MDP*) donnha kienet biżżejjed għall-ewwel qorti sabiex tegħleb ix-xiehda u l-provi li ġab l-appellant in sostenn tad-difiża tiegħu; xiehda u provi li jixhdu l-fatti kif verament seħħu. … … … ma jistax ma jingħadx illi din l-allegazzjoni – li għandha toqol hafna aktar minn kemm forsi hasbet l-ewwel qorti – lanqas kellha tittieħed in kunsiderazzjoni mill-ewwel qorti, u wisq anqas kellha tintuża bħala targa sabiex issir assunzjoni fil-konfront tal-appellant illi, bħal ma kien jarmi d-*delivery notes,* kien jarmi wkoll *l-invoices*.

»Qiegħed jingħad illi għandha ħafna aktar toqol minn kemm jista' jkun illi ħasbet l-ewwel qorti għaliex li kieku verament l-appellant kien jirċievi l-*invoices* (jew *delivery notes* u/jew anke xi dokumenti oħra) id-dar tiegħu, kien ikun ħafna aktar faċli għalih biex jinduna b'dak li kien qiegħed jiġri, u kien jevita illi jispiċċa fis-sitwazzjoni illi qiegħed fiha llum. Ċertament, ħadd ma jieħu pjaċir isib kawża kontrieh, anke jekk tkun xi tilwima fuq ammont żgħir, aħseb u ara fuq ammont li jiżboq it-€300,000! L-appellant hawnhekk … jonqos milli jifhem x'sens jagħmel illi huwa "kien intenzjonat li ma jħallasx il-kontijiet li kien qed jakkumula tant illi ma ħallas xejn minnhom, la dawk li jgħid li ma jikkontestax u wisq anqas dawk li jgħid li jikkontesta". Kien ikun ferm aħjar għall-appellant li kieku ma spiċċa f'din is-sitwazzjoni xejn mill-bidu, milli jirriskja jaffaċja proċeduri ta' din ix-xorta!

»Apparti minn hekk, l-appellant huwa konvint illi li kieku l-ewwel qorti ma straħitx fuq sempliċiment allegazzjoni, hija ma kinitx tasal biex tagħmel l-assunzjoni illi (1) l-appellant kien jarmi l-*invoices* u (2) l-intenzjoni tal-appellant kienet illi jtella' kont mal-*MDP* biex imbagħad jgħid li mhux hu kien li għamel uħud mill-ordnijiet. … . … l-ewwel qorti … kellha tiddeċiedi (u tagħti l-kunsiderazzjonijiet tagħha) fuq dak li ntqal, u fuq dak li rriżluta mill-atti, u mhux fuq assunzjonijiet: *quod non est in actis non est in mundo*.

»Dwar dan, *cioè* dwar kif l-ewwel qorti assumiet li, la l-appellant kien jarmi d-*delivery notes,* mela kien jarmi wkoll l-*invoices,* l-appellant għandu xi jżid, L-ilment tal-appellant f'dan ir-rigward jestendi wkoll sal-punt illi huwa ma kienx sempliċimċnt jarmi dawn id-*delivery notes* għax hekk dehrlu li għandu jagħmel – kif jidher illi hasbet l-ewwel qorti.

»Ix-xiehda dettaijata tal-appellant meta mistoqsi fuq dan il-punt u dwar kif m'għandux kopja tagħhom ma kellhiex tigi relegata mill-ewwel qorti għal: "għax kraxxja l-kompjuter!". Ir-rimarka tal-ewwel qorti wara din, *cioè* fejn qalet illi l-appellant "kien ekonomiku mal-verità", sfortunatament tefgħet dell ikrah fuq l-appellant mingħajr ma kellu jkun il-każ,

speċjalment meta wieħed jikkunsidra illi x-xiehda tiegħu kienet dettaljata u kunsidrat il-fatt illi huwa ma rrispondiex biss illi l-kompjuter "kraxxja". Anzi, kien importanti hafna għall-appellant illi jispjega x'kien ġara - kif fil-fatt għamel – iżda ma ttiħidx in kunsiderazzjoni mill-ewwel qorti.

»Meta mistoqsi dwar id-*delivery notes* li huwa kien idaħħal fil-kompjuter tiegħu, huwa qal li kien idaħħalhom fis-sistema tal-kompjuter tiegħu, imma mbagħad il-kompjuter ma baqax jaħdem. Saħansitra, l-appellant offra illi jippreżenta l-*hard drive* ta' dan l-istess kompjuter biex id-*data* li kien hemm fiha, *cioè* dik li tirrelata d-*delivery notes*, tkun tista' tiġi eżaminata!

»… … …

»Li kieku l-ewwel qorti ħadet dan kollu f'kunsiderazzjoni xierqa, ċertament ma kienx għalfejn ikollha tagħmel assunzjonijiet biex imbagħad issib lill-appellant responsabbli għat-talbiet attriċi. Apparti dan, l-ewwel qorti kienet faċilment issib illi dak li kien qiegħed jgħid l-appellant kien iġib fix-xejn id-diversi allegazzjonijiet illi saru kontrieh mill-kumpannija appellata, inkluż illi l-ammont kollu huwa dovut mill-appellant. Tabilħaqq, il-proposta li għamel l-appellant waqt is-seduta fejn offra illi tiġi preżentata l-*hard drive* għadha tgħodd sal-lum il-ġurnata, għaliex l-appellant zamm din il-*hard drive* fl-eventwalità li jirnexxilu jottjeni d-*data* li hemm fiha.«

8. Il-qorti ma tarax għala ma għandhiex temmen lill-attriċi meta tgħid illi l-fatturi kienu jintbagħtu bil-posta lill-konvenut. Iżda wkoll jekk hu minnu illi ma kinux jintbagħtulu jew illi għal xi raġuni jew oħra ma kinux jaslulu, xorta jibqa' l-fatt illi kien jingħata d-*delivery notes* ma' kull konsenja. Id-*data* minn dawn id-*delivery notes* kien idaħħalhom elettronikament fil-*computer* u għalhekk f'kull każ jekk kien hemm diskrepanza bejn id-*delivery notes* li fuqhom inħarġu l-fatturi u l-konsenja materjali, il-konvenut kien ċertament jintebaħ biha dak il-ħin stess, u kien jintebaħ ukoll meta jqabbel il-prodotti li d-*delivery notes* juru li kienu konsenjati lilu u l-prodotti li hu kien jikkonsenja dakinhar stess lill-klijenti tiegħu.

9. Il-fatt illi, kif osservat l-ewwel qorti, il-konvenut qatt ma lmenta li nħarġulu *delivery notes* għal prodotti li ma ngħatax, meta kellu kull opportunità li

jikkontrollahom, ifisser illi ma huwiex minnu illi kien hemm dawk id-diskrepanzi jew nuqqasijiet.

10. Jibqa' l-fatt ukoll illi, kif osservat l-ewwel qorti, il-konvenut baqa' ma ħallas xejn mid-dejn li ħalla jitla', lanqas dak li jirriżulta mill-fatturi u d-*delivery notes* li ma għandu ebda kontestazzjoni dwarhom, u dan, kif ukoll osservat l-ewwel qorti, jitfa' dell fuq il-*bona fides* tiegħu.

11. Inċidentalment, ma jistax ma jingħadx ukoll illi l-fatt illi l-konvenut kien jarmi d-*delivery notes* wara li jagħmel kopja elettronika huwa bi ksur ta' dak li jgħid l-art. 20 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jrid li kummerċjant iżomm "l-oriġinali" tad-dokumenti relattivi tan-negozji li jagħmel.

12. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

13. It-tieni aggravju jolqot l-oneru tal-prova u ġie mfisser hekk:

> »Il-qofol ta' dan l-aggravju jibda minn … fejn [fis-sentenza appellata] intqal illi:
>
> > »"Huwa biss meta l-attur jirnexxilu jressaq provi konvinċenti dwar il-kreditu minnu pretiz li jiskatta fuq il-konvenut l-oneru li jressaq provi konvinċenti li l-kreditu tħallas."
>
> »L-appellant ma huwiex jgħid illi għamlet hazin l-ewwel qorti meta rriferiet għal … dak il-prinċipju – xejn minn dan. … … … Li qiegħed l-appellant illi dak il-prinċipju li rriferiet għalih l-ewwel qorti ma japplikax għal din Il-kawża. Sa mill-bidunett tal-proċeduri, l-appellant ma qalx illi l-kreditu pretiż mill-*Malta Diary Products* ġie diġà mhallas. Huwa dejjem qal illi huwa m'għandux ikun responsabbli għall-ammont kollu għaliex ma kienx hu illi għamel dawk l-ordnijiet kollha, imma kien hemm ħaddieħor involut. Dan huwa stat ta' fatt pruvat li d-*delivery notes* ma gewx approvati minnu, u allura ma għandux ikun responsabbli li jħallas għal ammont li mhux talli m'huwiex pruvat li ġie konsenjat lilu, talli saħansitra ġie approvat minn ħaddieħor, possibbilment anke minn ħaddiem tal-*MDP* stess!
>
> »Huwa veru illi d-debitur irid iressaq provi illi l-kreditu pretiż ikun tħallas, f'kawżi ta' dawk ix-xorta. Iżda hawnhekk qatt ma tressqet l-eċċezzjoni tal-ħlas mill-appellant. Anzi, għal kuntrarju, l-appellant dejjem kien onest u leali, u dejjem qal illi hemm ammont dovut lil *Malta Diary Products* imma mhux dak l-ammont li qiegħda tgħid hi. Dan,

loġikament, ifisser illi l-oneru sa mill-bidu nett kien fuq il-*Malta Diary Products* biex … turi illi l-kreditu huwa filfatt dovut.

»Kienet għalhekk zbaljata l-ewwel qorti meta qalet illi kien jispetta lill-appellant sabiex iressaq provi konvinċenti dwar id-difiża tiegħu – u dan għaliex ma rriżultaw l-ebda provi li huma univoċi u konvinċenti li juriuli l-kreditu *kollu* huwa dovut. L-*invoices* weħidhom qatt ma setgħu jigu kkunsidrati mill-ewwel qorti f'*vacuum* – kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni flimkien mad-*delivery notes.* Jekk din il-qorti twarrab għal mument il-verżjoni tal-appellant dwar dawn l-istess *delivery notes,* xorta waħda se jqum dubju kbir dwarhom. Logikament (lil hinn mill-assunzjonijiet) isegwi illi jekk hemm dubju dwar id-*delivery notes,* se jkun hemm dubju dwar l-*invoices.* Faċli kien ikun għall-*MDP* li kieku kellha toħroġ l-*invoices* fuq l-appellant kif jidhrilha għandha toħroġhom, u mhux kif suppost jinħarġu: skont ix-xogħol li verament ikun ħa l-appellant.

»… … …

»Meta din il-qorti sejra tqelleb u tistudja l-paġni tal-proċess ta' din il-kawża u tgħarbel il-provi li nġiebu, sejra tara illi l-provi – jekk jistgħu jissejħu hekk – illi ressqet il-kumpannija appellata ma jilħqux il-livell mistenni f'kawżi ta' din ix-xorta. Min-naħa l-oħra, sejra tara illi dak kollu li seta' jressaq l-appellant ġie fil-fatt imressaq u provat. L-appellant, fir-rispett ta' dan kollu, jirriferi wkoll għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fejn diġà kien ressaq argumenti fuq l-istess vena. Biss, ma jistax jiġi injorat il-fatt, li sejjer jitkellem dwaru l-appellant fl-aggravju li jmiss, illi l-aktar prova konvinċenti u b'saħħitha illi seta' jressaq l-appellant f'dan il-każ partikolari kienet illi jinħatar perit tekniku, indipendenti mill-partijiet, sabiex jikkonferma t-tezi tal-appellant – kif fil-fatt ġara.

»Kif dejjem qalu l-qrati f'kawżi ta' dan it-tip, jekk se jkun hemm ħjiel ta' dubju dwar il-kreditu pretiż, mela *actore non probante reus absolvitur.* Jekk, allura, kien hemm xi tip ta' prova li setgħet tqajjem dubju dwar il-pretensjoni tal-kumpannija appellata, din it-tip ta' prova kienet ir-rapport tal-espert kalligrafu. Iżda dan it-rapport, sfortuntament, ma ttiħidx in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti.

»B'żieda ma' dan kollu, din il-qorti sejra tinduna illi fis-sentenza kollha – minkejja l-eċċezzjonijiet tal-appellant konvenut – ma hemm l-ebda spjegazzjoni għaliex l-appellant għandu jħallas ta' prodotti li d-*delivery notes* tagħhom (1) ma hijiex approvata mill-appellant u (2) hemm prova ċara mill-espert kalligrafu illi whud mid-*delivery notes* żgur (u xjentifikament) ma humiex approvati mill-appellant). … … …

»… … …

»Finalment, allura, dan kollu jfisser li *delivery note* tindika li (1) il-prodott in kwistjoni jkun wasal u (2) jkun wasal fil-kwalità u kwantità approvata. Hawnhekk, għad illi [*recte*, billi] hemm numru ta' *delivery notes* mhux approvati mill-appellant (jew rapprezentanti tiegħu), qatt ma seta' jingħad illi l-prodotti waslu għandu, fil-kwalità u kwantità approvata, u allura għandu jħallas għalihom hu.

»Għalhekk … ma għamlitx sew l-ewwel qorti meta qalet illi l-attriċi llum appellata laħqet il-grad rikjest sabiex tipprova t-talbiet tagħha, u konsegwentement tefgħet l-oneru tal-prova fuq l-appellant. Isegwi dan kollu huwa l-fatt illi, jekk din il-qorti se żżomm is-sentenza, il-valur tad-

> *delivery notes* ikun qiegħed imxejjen inutilment a skapitu tal-fiduċja legali li tali dokument importanti jġib miegħu.«

14. Għalkemm huwa minnu illi l-oneru tal-prova inizjalment huwa fuq l-attur, dan l-oneru jista' jdur fuq il-konvenut jekk lill-attur iseħħu li jagħmel il-prova tal-fatt li fuqu jsejjes it-talba tiegħu. Fil-każ tallum l-attriċi għamlet prova tal-konsenja permezz tal-*fatturi* li huma parti mill-kotba tal-kummerċ li l-art. 22 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jgħid illi jagħmlu prova. Wara li saret dik il-prova kien imiss lill-konvenut li juri li dak li jgħidu dawk id-dokumenti ma huwiex minnu, ladarba fil-każ tallum il-kontestazzjoni hija dik u mhux illi d-dejn huwa mħallas. Huwa fieragħ l-argument tal-konvenut illi l-inverżjoni tal-prova sseħħ biss meta l-konvenut ikollu jagħmel prova tal-ħlas. Dan l-argument huwa biss logħob bil-kliem.

15. Huwa minnu illi wħud mid-*delivery notes* ma għandhomx il-firma tal-konvenut jew tal-aġent tiegħu. Dan, kif fisser il-konvenut stess, huwa konsegwenza tal-fatt illi l-konsenja tal-prodotti mill-attriċi kienet issir b'għaġla u pressjoni ta' ħin. Huwa minnu wkoll illi din ma hijiex prassi tajba u jixraq illi ma tibqax isseħħ.

16. Jibqa' l-fatt iżda illi l-konvenut kien jaf b'din il-prassi u kompla magħha, u huwa biss issa – meta wasal il-waqt li jitħallsu l-kontijiet – li qiegħed jilmenta. Huwa fatt ukoll illi, kif imfisser fuq[2], l-attur kien jingħata d-*delivery notes* u kien ukoll jagħmel kopja elettronika tagħhom, u għalhekk seta' jintebaħ jekk kienx hemm diskrepanzi. Il-fatt li qatt ma lmenta mill-prassi li jinħarġu *delivery notes* mingħajr il-firma tiegħu jsaħħaħ is-suspett tal-

2 Para. 8 *et seq.*

ewwel qorti dwar il-*bona fides* tal-konvenut u s-suspett illi żamm dan il-fatt fil-but biex joħorġu biss meta jissejjaħ biex iħallas.

17. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

18. It-tielet aggravju huwa msejjes fuq ir-rapport tal-espert tal-kitba u essenzjalment huwa ripetizzjoni tal-argument dwar id-*delivery notes* mingħajr il-firma tal-konvenut:

> »Id-difiza tal-appellant minn dejjem kienet illi l-firem li kien hemm fuq numru sostanzjali *tad-delivery notes* la kienet tiegħu, la kienet ta' missieru, u wisq anqas kienet ta' xi impjegat tiegħu. Tabilhaqq, din ma kinitx id-difiza tiegħu sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri *biss,* iżda saħansitra anke minn qabel, iżda l-appellant ma jħossx li għandu jikkummenta aktar dwar dan.
>
> »Minkejja dan, kull ma kellha xi tgħid l-ewwel qorti kien hekk dwar dan ir-rapport peritali:
>
>> »"Huwa minnu li r-relazzjoni peritali wriet illi l-ħames *delivery notes* li l-espert kalligrafu ħa bhala kampjuni ma humiex kollha iffirmati mill-konvenut; però dan fih innifsu ma jwassalx neċessarjament illi l-konvenut ma hux kreditur [*recte*, debitur] tal-ammonti li jidhru fl-*invoices* li jirriflettu d-*delivery notes* mhux iffirmati mill-konvenut."
>
> »Din il-qorti, madanakollu, minn dejjem tgħallem illi rapport peritali ma jistax sempliċiment jigi skartat b'leġġerezza – speċjalment meta huwa l-uniku mod f'kawża kif jista' jingħata valur aktar b'saħħtu lil-verżjoni ta' xi waħda mill-partijiet b'mod indipendenti. Hawnhekk, din il-prova setgħet faċilment titressaq minn xi espert kalligrafu *ex parte*, iżda l-appellant kien jaf illi l-ewwel qorti kienet se tagħti valur akbar lill-espert maħtur minnha, għaliex fl-aħħar mill-aħħar kien se jkun espert indipendenti mill-partijiet.
>
> »… … …
>
> »Tabilħaqq, f'din il-kawża l-ewwel qorti la ddikjarat illi r-rapport ma huwiex skont il-konvinzjoni tagħha, u lanqas ma qalet illi b'xi mod inġiebet prova kuntrarja li tissupera l-livell tal-prova mistenni. Xejn minn dan. Qalet biss illi minkejja l-konklużjonijiet (hawn, l-appellant qiegħed jieħu kliem il-qorti daqslikieku l-qorti wkoll aċċettat il-konklużjonijiet tal-espert iżda għażlet li twarrabhom; iżda d-deċiżjoni hija fidejn din il-qorti, u mhux f'idejn l-appellant), dan ma jfissirx illi l-appellant ma huwiex kreditur [*recte*, debitur] tal-kumpannija appellata.
>
> »Ukoll, ma saret l-ebda talba sabiex jitressqu mistoqsijiet in eskussjoni, la talba għal xi ħatra ta' periti addizzjonali, u lanqas ma tressqu provi li jirrelegaw dak li qal l-espert fir-rapport tekniku tiegħu. Li kieku ġara hekk, l-appellant ma kienx jittenta jagħmel dan l-aggravju, għaliex kien ikun xejn ħlief vessatorju. Biss, jekk l-ewwel qorti ħasset illi hija

> kellha tiskarta għal kollox dan ir-rapport, kellha tagħti raġunjiet validi, u mhux twarrbu leġġerment.
>
> »B'hekk, ma kinitx korretta l-ewwel qorti meta warrbet u ma tat l-ebda kunsiderazzjoni lir-rapport tal-perit tekniku, mingħajr ebda raġuni valida.«

19. Ma huwiex kontestat illi d-*delivery notes* ma għandhomx il-firma tal-konvenut jew ta' aġent tiegħu, u huwa fatt ukoll illi l-prassi hija ħażina. Madankollu, rajna[3] illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum in-nuqqas ta' firma ma hijiex difiża tajba, u l-argumenti kollha dwar kemm huwa ta' min joqgħod fuqu r-rapport tal-espert tal-kitba huma għalkollox irrelevanti.

20. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

21. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

22. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; dawk tal-appell, iħallashom il-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
Da

3 Para. 8 *et seq.*